# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 17/2022 ISB**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2022 ġew kjamati fil-kawża Anthony Farrugia KI 151247M, Emanuel Farrugia KI 57756M, Gaetano Farrugia KI 1015349M, Raymond Farrugia KI 749852M, Saviour Farrugia KI 463454M u George Farrugia KI 432865M**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, intavolat fis-16 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *"... tordna illi l-kumpannija Powerplan Limited (C-18322) terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji salv kull provvediment li jogħġobha tagħti."*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi l-esponenti Kummissarju għal dak li jirrigwarda VAT hu kreditur tas-soċjetà intimata fl-ammont ta' mija disgħa u disgħin elf ħames mija u ħdax-il ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€199,511.37);*

2. *Illi s-soċjetà intimata kien irreġistrat mal-esponenti Kummissarju sabiex tibda l-attività ekonomika tagħha fl-1 ta' Jannar 1999 bin-numru tar-reġistrazzjoni 1377-6031 u bl-indirizz fi New Street in Mill Street, Qormi. Illi llum l-indirizz hu: Triq Concetta Borg Calleja, Qormi, Malta;*

3. *Illi s-soċjetà intimata bin-numru tal-Kumpanija C18322 kienet intavolat appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv fl-ismijiet:*

   ***Powerplan Ltd vs Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud appell numru 24/14 VG***

   *kontra l-istmi maħruġ mill-esponenti Kummissarju;*

4. *Illi riċentament ir-Rikorrenti skopra waqt seduta tat-Tribunal u kien sorpriż kif tenut kont tal-ammont surreferit il-Malta Business Registry iddeċidiet illi tikkanċella minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji lis-soċjetà Powerplan Limited.*

5. *Illi tali deċiżjoni fejn is-soċjetà surreferita kienet ġiet 'struck off as defunct' bid-data effettiva tat-30 ta' Ġunju 2020 hija ta' preġudizzju enormi għar-rikorrenti;*

6. *Illi r-Rikorrenti mhux edott mill-fatti illi wasslu għad-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpanniji illi jħassar l-isem tas-soċjetà minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

7. *Illi l-appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv surreferit immatura ferm u wasal fl-istadju sabiex l-Onorabbli Tribunal jagħti s-sentenza tiegħu dwar l-appell fuq imsemmi;*

8. *Illi tali sitwazzjoni tat-tħassir tal-kumpannija tippreġudika serjament lill-Kummissarju esponenti milli jiġbor il-flus lilu dovuta mill-kumpannija Powerplan Limited;*

9. *Illi għadhom ma għaddewx ħames snin (5) minn meta s-soċjetà surreferita tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u fl-umili fehma tar-rikorrent jeżistu l-elementi kollha kontemplati fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kumpannija terġa' tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

   *(4) Jekk membru jew xi kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippublika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratu u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

10. *Illi dan ir-rikors qed jiġi intavolat sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tar-rikorrent, jitħarsu l-interessi tal-erarju pubbliku u jiġu ssalvagwardati d-dettami tal-ġustizzja;*

11. *Illi l-esponenti jsib konfort f'dan li qiegħed jitlob fil-ġurisprudenza kostanti ora mai definita tal-qrati nostrali f'każi simili u senjatament fil-kawżi segwenti, kollha mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ):*

    1. *29 ta' Settembru 2020 Mario Borg vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
    2. *30 ta' Ġunju 2020: Mazzacano D'Amato et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
    3. *Edwin Zammit kontra X et. 29 ta' Ottubru 2020;*
    4. *30 ta' April 2020 Joseph Caruana vs Saviour Ferrito et*
    5. *16 ta' Diċembru 2019:- Xuereb et vs Reġistratur tal-Kumpaniji et*
    6. *28 ta' Marzu 2019:- Gauci Maistre noe vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji et*

***Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-***

7. *24 ta' Jannar 2006:- Cassar Pullicino noe vs Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet et*
8. *26 ta' Ġunju 2018:- Micallef vs Borg et*
9. *30 ta' Marzu 2017:- Hal Mann Construction Limited et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji*
10. *31 ta' Jannar 2017:- Borg Barthet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 8).

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Marzu 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' April 2022 fid-9:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-25 ta' Marzu 2022 (ara tergo ta` fol 12).

Rat illi fil-11 ta' April 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 14) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi għal fini ta' korrettezza għandu jiġi rrimarkat li r-rikorrenti għamel referenza għall-kumpanija li tagħha hu kreditur bħala s-soċjeta' "intimata" meta l-intimat f'din il-kawża hu r-Reġistratur tal-Kumpaniji;*

*Illi l-kumpanija surreferita iktar 'il quddiem fir-rikors promotur, u ċioe' f'paragrafu 3, hi Powerplan Limited (C 18322) li kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fl-20 ta' April 1995;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-aħħar kont annwali sottomess u kif ukoll l-aħħar prospett annwali kienu dawk tas-sena 2010;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lid-diretturi tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa Powerplan Limited, Powerplan, Triq Concetta Borg Calleja, Qormi, u kif ukoll lid-diretturi tagħha u ċioe' Saviour Farrugia, Anthony Farrugia, Gaetano Farrugia, Raymond Farrugia u Emmanuel Farrugia, fl-indirizzi differenti rispettivi tagħhom, datati 27 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u kif ukoll lid-diretturi fuq l-istess indirizzi nhar it-30 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-30 ta' Marzu u 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif is-soċjeta' surreferita Powerplan Limited qatt ma oġġezzjonat għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqa' qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartiklu 4 tal-artiklu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartiklu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m'għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħżel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija Powerplan Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur huwa kreditur tal-kumpanija surreferita Powerplan Limited huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt illi di piu', il-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal **EUR 14,000**.*

*Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jissolleva li huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat ir-rikors tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji intavolat fil-11 t'April 2022 (fol 44) li permezz tiegħu talab lil Qorti sabiex tordna l-kjamata fil-kawża tal-uffiċjali u l-azzjonisti tal-kumpanija ġja stralċjata u ċioe` Anthony Farrugia, Emmanuel Farrugia, Gaetano Farrugia, Raymond Farrugia, Saviour Farrugia u George Farrugia.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, id-difensur tar-rikorrent iddikjarat li m'għandhiex oppożizzjoni għat-talba kontenuta fir-rikors tar-Reġistratur intimat tal-11 t'April 2022.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' April 2022 li permezz tiegħu ordnat il-kjamat in kawża ta' Anthony Farrugia, Emmanuel Farrugia, Gaetano Farrugia, Raymond Farrugia, Saviour Farrugia u George Farrugia.

Rat illi fl-4 ta' Mejju 2022, **Anthony Farrugia** ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 49), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-esponenti ma kellhom ebda parti mid-deċiżjoni li ttieħdet mir-Reġistratur tal-Kumpannija fit-30 ta' Ġunju 2020 u għaldaqstant ma għandhom ebda għarfien jew informazzjoni dwar kif ittieħdet id-deċiżjoni u l-motivizzjoni għall-istess deċiżjoni;*

*Illi l-esponenti għandhom interess li jkunu jafu kif ittieħdet id-deċiżjoni u l-motivizzjoni għall-istess deċiżjoni, u jirriservaw l-posizzjoni tagħhom wara li din l-informazzjoni tingħata fil-kors tal-proċeduri;*

*Illi mhux minnu li l-uffiċjali tal-kumpannija ma ssottometewx id-dokumentazzjoni rikjesta mill-Att tal-Kumpanniji, inter alia kontijiet annwali u prospetti annwali, u jinkombi fuq l-intimat jispjega fid-dettal u mhux b'mod ġeneriku liema dokumentazzjoni u għal liema snin qed jirreferi. Illi għandu speċifikat għal liema terzi persuni qed jagħmel referenza l-intimat. Illi għandhu jiġi ukoll speċifikat liema pagamenti pendenti u fuq reġistrazzjonijiet u prospetti annwali qed jagħmel referenza għalihom l-intimat;*

*Illi d-deċiżjoni tat-tħassir tal-kumpannija mir-Reġistru tal-Kumpanniji ttieħdet mill-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji u konsegwentament l-esponenti m'għandhom l-ebda responsabilità għal din l-azzjoni li ttieħdet arbitrarjament u żgur mingħajr ebda azzjoni minn naħa tagħhom;*

*Illi finalment, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li l-esponenti għandhom jiġu kjamati fil-kawża, dawn għandhom jiġu liberati mill-ispejjes stante li ma kellhom ebda parti fid-deċiżjoni li ttieħdet.*

*Tant għandu unur jissottometti għad deċiżjoni savja ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi fid-9 ta' Mejju 2022, **George Farrugia** ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 51), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-esponenti rresenja minn Direttur tas-soċjetà Powerplan Limited [C 18322] fis-17 ta' Settembru 2010. Minn din l-istess data sal-lum l-esponenti tilef kwalsiasi aċċess għal informazzjoni ta' x'seta qed jiġri fl-istess soċjetà kif ukoll tilef kull kontroll fuq is-soċjetà u l-assi tagħha.*

*Illi l-esponenti m'għandu l-ebda interess fir-rigward tas-soċjetà de quo peress illi llum huwa m'għandu l-ebda ideja x'qed tagħmel l-istess soċjetà. Saħansitra riċerka fuq Linkedin tagħti x'jifhem illi l-Operatur u Direttur ta' l-istess soċjetà huwa Chris Farrugia, li del resto kien il-persuna li kien assuma il-ġestjoni ta' l-istess soċjetà fi żmien li l-esponenti irrisenja u anke qabel. Dan l-istess persuna għadu jiddikjara li għadu sal-lum l-operations director [ara kopja ta screen shot immarkata document X], saħansitra għal tlettax il-sena u nofs minn Jannar 2009. Ikun opportun illi din l-istess persuna tiġi kkjamta.*

*Fil-fond tas-suespost, l-esponenti jirremetti ruħu għad-deċisjoni tal-Qorti.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023 xehed Roderick Zammit Randich in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrent jgħid illi b'effett mit-30 ta' Ġunju 2020, l-isem tas-soċjeta **Powerplan Limited (C 18322)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent Kummissarju huwa kreditur tas-socjeta` msemmija Powerplan Limited (C 18322), fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, liema ammonti qed jiġu kkontestati mill-istess soċjeta' quddiem it-Tribunal Amministrattiv permezz tal-appell fl-ismijiet **Powerplan Ltd vs Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud** bir-referenza 24/14/VG, liema appell wasal fi stadju avvanzat. Jgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lir-rikorrent kummissarju milli jiġbor il-flus lilu dovuti mis-soċjeta' *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Powerplan Limited (C 18322) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrent jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimat Reġistratur** jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm -il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

Illi l-kjamat fil-kawża **Anthony Farrugia** isostni li hu ma kellu l-ebda parti fid-deċiżjoni meħuda mir-Reġistratur intimat u mhux minnu li l-uffiċjali ma ssottomettewx id-dokumentazzjoni rikjesta mill-Att tal-Kumpanniji. Jgħid li in vista ta' dan għandhom jiġu liberati mill-ispejjeż.

Illi l-kjamat fil-kawża **George Farrugia** isostni li hu rriżenja minn Direttur tas-soċjeta' Powerplan Limited (C 18322) fis-17 ta' Settembru 2010 u m'għandu l-ebda aċċess għal informazzjoni dwar l-istess kumpanija. Jgħid li l-Operatur u Direttur tal-istess soċjeta' huwa Chris Farrugia u kien ikun iktar opportun jekk kemm -il darba ġie kjamat hu fil-kawża.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti:

Fix-xhieda tiegħu **Roderick Zammit Randich, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi** jispjega li l-Kummissarju mar-rikors promotur ippreżenta tliet dokumenti li juru:

- Dok A li juri l-informazzjoni li għandu l-Kummissarju dwar Powerplan Limited (C 18322);

- Dok B li jikkonsisti f'estratt tal-MBR minn fejn jidher li l-kumpanija ġiet *struck off* fit-30 ta' Ġunju 2020;

- Dok C li huwa estratt mill-VAT li juri l-bilanċi dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi fid-9 ta' Frar 2022 u li kien jammonta għal mija u disgħa u disgħin elf, ħames mija u ħdax -il Ewro u sebgħa u tletin (€199,511.37).

Jispjega li hemm fil-preżent kawża quddiem it-Tribunal ta' Reviżżjoni Amministattiva fir-rigward tal-ammont fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-*

> *reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Powerplan Limited (C 18322) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrent għandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru, Powerplan Limited (C 18322), u li qiegħed jagħmel ħiltu sabiex jiġi mħallas l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu raġun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrent indika b'mod ċar li għad għandu kreditu sostanzjali u proċeduri pendenti fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Powerplan Limited (C 18322) minn fuq ir-Reġistru, pero` ir-rikorrent għandu interess u jinsab sodisfatt b'dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-rientegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpanija Powerplan Limited (C 18322) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk ir-

rikorrenti ifallu mid-dmirijiet u l-obbligi tagħhom biex jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Ir-rikorrenti għandhom ikunu ben konxji ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjeta` Powerplan Limited (C 18322) lura fuq ir-Reġistru.

Issa fir-rigward tal-kjamati in kawza, jinghad li l-Qorti qed tosserva ukoll illi l-ufficjali tal-kumpannija gew msejjha fil-kawza u *qua* ufficjali, kif jirrizulta minn dak sottomess mir-Registratur intimat, huma kienu responsabbli ghan-nuqqasijiet li wasslu ghall-kancellament tas-socjeta' msemmija minn fuq ir-Registru, liema kancellament wassal ghall-pregudizzju soffert mill-Kummissarju rikorrenti, liema pregudizzju qieghed illum jigi rimedjat.

Issir referenza ghal dak li nghad fid-digriet moqri fil-miftuh fil-kawza kostituzzjonali 93/2018JZM fl-ismijiet **Emanuel Delia vs L-Onor. Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali et** tal-14 ta' Jannar 2019, fejn intqal hekk:

> *Intervenut ghandu posizzjoni guridika diversa minn dik ta` kjamat fil-kawza ghaliex filwaqt li l-intervenut jitqies bhala osservatur fil-kawza, il-kjamat fil-kawza jsir parti u jilbes il-vesti ta` konvenut jew intimat.*
>
> *Anke ghal dawk li huma spejjez, il-posizzjoni tal-intervenut hija distinta ghaliex filwaqt li l-partijiet (inkluz kjamat fil-kawza) huma soggetti ghall-kundanna mill-qorti tal-hlas ta` spejjez, l-intervenut ghax huwa osservatur, ibati l-ispejjez tieghu.*

Issa l-Qorti tifhem illi t-talbiet rikorrenti ma jistghux jirrispondu strettament ghalihom il-kjamati in kawza, l-ufficjal tal-kumpannija, izda din il-Qorti thoss ukoll illi ghandha taghmel, kif ghamlet fid-digriet taghha tal-20 ta' Gunju 2022, referenza ghall-Artikolu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li a bazi tieghu qed issir din l-azzjoni. Dan ighid testwalment hekk:

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-*

> *kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar</u>. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalmet f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti ghalhekk, meqjus dak li tghid il-ligi, mhux lanqas li din il-Qorti qeghda tinghata dak mitqies bhala diskrezzjoni wiesa', ghandha s-setgha illi taghti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u taghti dawk id-direzzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa fir-rigward sabiex il-kumpannija u l-<u>persuni l-ohra kollha</u> jitqieghdu fl-istess pozizzjoni vicin dik li kieku isem il-kumpannija ma thassarx.

Issa tenut kont illi l-ufficjal tal-kumpannija indikati u hawnekk kjamati in kawza, kienu, bin-nuqqasijiet taghhom wasslu biex il-kumpannija giet ikkancellata – thoss gust li tipprovdi mhux biss billi tordna illi l-kumpannija titpogga lura fuq ir-Registru sabiex il-pregudizzju soffert mill-Kummissarju rikorrenti jigi rimedjat, imma ukoll illi tipprovdi sabiex il-kjamati in kawza *qua* ufficjali tal-kumpannija, jiehdu hsieb illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur intimat.

Ghaliex altrimenti, il-Qorti tkun qeghda, ghal finijiet limitati imma gustifikati tar-rikorrenti, tordna t-tpoggija lura ta' kumpannija fuq ir-Registru meta tali kumpannija ma jisthoqqiliex titpogga lura minhabba l-irregolaritajiet taghha li kienu u ghadhom maghha, minghajr ma' l-Qorti tkun hadet mizuri u tat ordnijiet sabiex dik il-kumpannija, una volta lura fuq ir-Registru, tkun sahna u skond il-ligi.

Il-Qorti tifhem illi dan hawnekk deciz jista' jiddipartixxi mir-regoli stretti tal-istitut tal-kjamat in kawza, izda fl-istess hin qed taghmel uzu mill-ligi, inoltre` *lex specialis*, sabiex tara illi kemm jista' jkun l-affarijiet isiru b'mod komplet, shih u fl-ahjar interess mhux biss tal-gustizzja, imma ukoll ta'

Registru tas-Socjetajiet sahan, tajjeb u b'sahhtu illi jimmerita illi jkollu pajjizna u li trid illi jkollna l-istess ligi.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti ghar-ragunijiet hawnekk moghtija u sejra ukoll tipprovdi, bil-poteri lilha moghtija bil-ligi, sabiex jigi assigurat illi l-kumpannija li ser terga' titpogga lura fuq ir-Registru tigi regolarizzata una volta mpoggija lura fuq ir-Registru u ma tibqax fi stat ta' illegalita`, u dan billi min ghandu l-obbligi fil-ligi josservhom, min ghandu d-doveri fil-ligi illi jzomm kumpannija registrata sahna u f'sikkitha, jaghmilha, filwaqt illi min ghandu dritt bil-ligi jenforza tali obbligi, jaghmel dan.

Il-Qorti ssib konfort taghmel dan mhux biss fid-dawl tal-provedimenti hawn fuq citati, imma ukoll fid-dawl ta' dak stipult fl-**Artikolu 427(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** li ighid testwalment hekk:

> *Kumpanija tkun responsabbli <u>in solidum mal-uffiċjali tagħha</u> għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.*

Il-Qorti qed tiehu din il-posizzjoni ukoll fid-dawl tal-fatt illi mhux xieraq illi terzi u r-Registratur intimat ikollhom jaffaccjaw proceduri bhal dawn minhabba nuqqasijiet u irresponsabbilita' ta' ufficjali ta' kumpannija li ma jaghtux kaz l-obbligi taghhom skond il-ligi.

Mill-atti jirrizulta illi l-kumpannija de quo ilha mis-sena 2011 ma tibghat prospetti u/jew kontijiet annwali u baqghet inadempjenti anke meta saru d-debiti notifiki ta' avvizi skond il-ligi.

Il-Qorti thoss illi sitwazzjoni ta' illegalita' kontinwa bhal din ta' kumpannija fuq ir-Registru jinhtieg illi tigi rimedjata.

Jirrizuta ukoll illi r-Registratur intimat, qabel ma wasal biex nehha isem il-kumpannija de quo minn fuq ir-Registru ghat-tieni darba, kiteb u kkomunika anke mal-kjamati in kawza sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni tal-kumpannija, izda dawn baqghu inadempjenti. Ingiebu ukoll konxji tal-fatt illi jekk ma jirregolarizzawx il-posizzjoni tal-kumpannija taghhom, allura il-kumpannija kienet ser titnehha minn fuq ir-Registru. Jidher u jirrizulta illi kien komdu ghall-ufficjali *de quo* ma jaghmlu xejn – imma dan ghal Qorti mhux accettabbli, ghaliex jirrizultalha evidenti illi l-ufficjali tal-kumpannija msemmija ma tawx kaz l-obbligi taghhom bir-rizultat ahhari u wahdani illi r-Registratur ghamel xogholu u mbaghad segwew il-konsegwenti prezenti proceduri. Kollox seta' u messu gie evitat billi l-ufficjali jaghmlu xogholhom,

jaqdu d-doveri taghhom u jassumu r-responsabbilitajiet illi tpoggi fuqhom il-ligi taghha gja la darba jilbsu l-kappell ta' ufficjali tal-kumpannija.

Kull ufficjal ta' kull kumpannija ghandhu jifhem illi tali pozizzjoni iggib responsabbilitjiet legali mportanti maghha u dawk ir-responsabbilitajiet ghandhom jintrefghu. Fin-nuqqas, mhux biss jistghu jigu pregudikati terzi, bhal fil-kaz tal-llum, imma jkun anke jfisser illi r-Registratur ikollu d-dritt illi jinqeda' bi proceduri legali kontra tali ufficjali – u allura, ukoll ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta' multiplikazzjoni ta' proceduri, il-Qorti thossha komda ukoll taghti provvediment bhal dan u direzzjoni bhal din hawnekk maghmula.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Powerplan Limited (C 18322)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Powerplan Limited (C 18322)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrent huwa mistenni illi jsegwi u wieħed jispera jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. Ulterjorment u **fir-raba' lok**, tordna lill-ufficjali tal-kumpannija hawnekk kjamat in kawza, ossia, Anthony Farrugia, Emanuel Farrugia, Gaetano Farrugia, Raymond Farrugia, Saviour Farrugia u George Farrugia sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni tal-kumpannija taghhom sa zmien sitt xhur mid-data ta' dan il-provvediment, u fin-nuqqas, senjatament ghal finijiet ta' penalitajiet li huma dovuti u hlasijiet ohra pendenti

minnhom u mill-kumpannija msemmija flimkien u in solidum bejniethom **sal-llum** dovuti lir-Registratur intimat, dan il-provvediment ghandu jitqies bhala titolu ezekuttiv ghar-Registratur intimat sabiex jipprocedi biex jenforza d-drittijiet tieghu skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 253(a) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. **Fil-hames lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Powerplan Limited (C 18322)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tal-kjamati in kawza flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**